MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1143/2012

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
1. David u Mary mizzewgin Grech
2. Mary Grech bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler datati 18 ta' Dicembru 1990 (Dok "A") u 16 ta' Gunju, 1997 (Dok "B"), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' April 2006 (Dok "C"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut David Grech;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti David u Mary mizzewgin Grech fis-somma ta' hamsa u hamsin elf, erba' mija u erbatax-il Ewro u tlieta u disghin centezmu (€55,414.93) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" ta' David Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D1" sa "D2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-13 ta' Settembru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi permezz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat 16 ta' Gunju 1997 (Dok"B"), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Mejju, 1997 (Dok "E") il-konvenuta Mary Grech bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha ggarantiet flimkien u "*in solidum*" ma' David Grech ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess David Grech mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 13 ta' Lulju 2011 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "F" u "G", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

(i) Tikkundanna lil David u Mary mizzewgin Grech u lil Mary Grech amministratrici tal-beni parafernali taghha jhallsu lis-socjeta` attrici, flimkien u "*in solidum*" bejniethom, is-somma ta' hamsa u hamsin elf, erba' mija u erbatax-il Ewro u tlieta u disghin centezmu (€55,414.93) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" ta' David Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D1" sa "D2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-13 ta' Settembru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 13 ta' Lulju 2011 kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li fis-seduta tal-lum Dr. Edward Zammit-Lewis pprezenta nota ta' David u Mary mizzewgin Grech u Mary Grech bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha "li permezz taghha huma qeghdin jammettu t-talba attrici".

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba tal-bank rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghha qed tikkundanna lil David u Mary mizzewgin Grech u lil Mary Grech amministratrici tal-beni parafernali taghha jhallsu lis-socjeta` rikorrenti, flimkien u "*in solidum*" bejniethom, is-somma ta' €55,414.93 bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" ta' David Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-13 ta' Settembru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 13 ta' Lulju, 2011 kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------